IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# Opinjoni Nru 7/2015

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 322(2) tat-TFUE)

## dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti

12, rue Alcide De Gasperi - L - 1615 Luxembourg
**T** (+352) 4398 – 1 **E** eca-info@eca.europa.eu **eca.europa.eu**

WERREJ

| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1 - 4 |
| Rimarki Ġenerali | 5 |
| Rimarki Speċifiċi | 6 - 23 |
| Il-bilanċ riportat kull xahar ta' wieħed mill-porzjon ta' tnax mir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING | 6 - 8 |
| Simplifikazzjoni tal-aġġustamenti annwali tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING | 9 - 11 |
| Tiġi posposta l-preskrizzjoni tad-*data* tal-ING fir-raba' sena wara sena finanzjarja partikolari | 12 - 14 |
| Bidliet fl-imgħax fuq l-ammonti li jkunu saru disponibbli tard | 15 - 17 |
| L-Istati Membri jkunu jistgħu jinħelsu mir-responsabbiltà finanzjarja f'każijiet ta' dħul differit fil-kontijiet jew notifika differita tad-dejn doganali sabiex ma jiġux ippreġudikati l-investigazzjonijiet kriminali | 18 - 20 |
| Żieda fil-livell limitu għall-ammonti irrekuperabbli li għandhom jiġu rrappurtati | 21 - 23 |
| Konklużjoni | 24 |

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 322(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill għal opinjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq, li waslet għand il-Qorti tal-Awdituri fit-22 ta' Settembru 2015,

Wara li kkunsidrat l-opinjonijiet preċedenti li l-Qorti tal-Awdituri tat dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej[2],

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

**INTRODUZZJONI**

1. Fl-14 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014[3] dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti.

2. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 se jissostitwixxi r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000[4] u se jidħol fis-seħħ fl-istess jum tad-dħul fis-seħħ tad-

---

[1] COM(2015) 447 final tal-14 ta' Settembru 2015.

[2] L-Opinjonijiet Nru 7/2014 (ĠU C 459, 19.12.2014, p. 1), Nru 2/2012 (ĠU C 112, 18.4.2012, p. 1), Nru 2/2008 (ĠU C 192, 29.7.2008, p. 1), Nru 2/2006 (ĠU C 203, 25.8.2006, p. 50), Nru 4/2005 (ĠU C 167, 7.7.2005, p. 1) u Nru 7/2003 (ĠU C 318, 30.12.2003, p. 1).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1377/2014 (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 14).

Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom[5], ladarba din id-Deċiżjoni tkun ġiet approvata mill-Istati Membri kollha skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom[6]. Għalhekk, il-modifiki proposti ma jirreferux għar-regoli li huma attwalment fis-seħħ u lanqas ma għandhom impatt fuqhom.

3. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jistabbilixxi r-regoli li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji (inklużi ż-żmien speċifiku għad-disponibbiltà, l-aġġustamenti, l-imgħax fuq l-ammonti li jkunu saru disponibbli tard u l-ammonti irrekuperabbli) u l-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Kummissjoni fi flus kontanti. Huwa jinkludi wkoll arranġamenti prattiċi oħra rigward il-konservazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn mill-Istati Membri, il-kooperazzjoni amministrattiva fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u r-regoli dwar il-kontijiet li għandhom jinżammu mill-Istati Membri għar-riżorsi proprji.

4. Il-bidliet l-aktar sinifikanti proposti mill-Kummissjoni huma dawn li ġejjin:

- il-bilanċ riportat kull xahar ta' wieħed mill-porzjon ta' tnax mir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING;
- simplifikazzjoni tal-aġġustamenti annwali għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING;
- tiġi posposta l-preskrizzjoni tad-data tal-ING fir-raba’ sena wara sena finanzjarja partikolari;
- bidliet fl-imgħax fuq l-ammonti li jkunu saru disponibbli tard;
- l-Istati Membri jkunu jistgħu jinħelsu mir-responsabbiltà finanzjarja f’każijiet ta’ dħul differit fil-kontijiet jew notifika differita tad-dejn doganali sabiex ma jiġux ippreġudikati l-investigazzjonijiet kriminali;

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

[6] Id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 se japplikaw b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2014.

- żieda fil-livell limitu għall-ammonti irrekuperabbli li għandhom jiġu rrappurtati.

## RIMARKI ĠENERALI

5. Fl-Opinjonijiet Nru 7/2014, Nru 2/2012, Nru 2/2008 u Nru 2/2006 tagħha, il-Qorti esprimiet tħassib dwar il-kumplessità u n-nuqqas ta' trasparenza tas-sistema tar-riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit tal-UE. Il-modifiki proposti ma jbiddlux b'mod sinifikanti s-sistema stabbilita; huma sempliċiment jindirizzaw elementi tal-proċess li jintuża biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni l-ammonti mitluba. Xi wħud mill-bidliet proposti jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' likwidità u ta' ġestjoni ta' flus kontanti. Il-Qorti tinnota wkoll li xi wħud mill-bidliet proposti jindirizzaw punti li tqajmu mill-Qorti fl-opinjonijiet, ir-rapporti annwali u r-rapporti speċjali preċedenti tagħha.

## RIMARKI SPEĊIFIĊI

### *Il-bilanċ riportat kull xahar ta' wieħed mill-porzjon ta' tnax mir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING*

6. Skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Istati Membri iressqu 'l quddiem b'xahar jew xahrejn fl-ewwel tliet xhur tas-sena finanzjarja d-dħul ta' parti waħda minn tnax tal-ammonti fil-baġit għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING. Fil-prattika dan ifisser li l-Kummissjoni tista' tressaq 'il quddiem żewġ partijiet minn tnax matul l-ewwel tliet xhur. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri bil-quddiem, mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel id-dħul rikjest.

7. Il-Kummissjoni tipproponi li żżid l-ammont li jista' jitressaq 'il quddiem minn żewġ partijiet minn tnax għal tliet partijiet minn tnax, u li testendi l-perjodu mill-ewwel tliet xhur għall-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja. Qed jinżamm il-limitu ta' ġimagħtejn għan-notifika lill-Istati Membri. Fil-prattika, il-Kummissjoni se tkun tista' tressaq 'il quddiem sa tliet partijiet minn tnax fi kwalunkwe żmien matul l-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja, b'notifika minima ta' ġimagħtejn għall-Istati Membri.

8. Il-Qorti tqis li l-Kummissjoni għandha tkun tista' titlob il-flus kontanti meħtieġa biex tiffinanzja t-talbiet għal pagament fi żmien debitu. Madankollu, billi talbiet bħal dawn jistgħu joħolqu diffikultajiet fil-likwidità fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa sistema biex tippjana aħjar il-ħtiijiet tagħha fi flus kontanti u żżid iż-żmien minimu ta' notifika għal talbiet ta' partijiet addizzjonali minn tnax.

***Simplifikazzjoni tal-aġġustamenti annwali għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING***

9. Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, l-aġġustament[7] għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING iseħħ kull sena fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru. Dawn l-aġġustamenti jvarjaw minn sena għal oħra u jistgħu jkunu pożittivi (pagamenti addizzjonali meħtieġa mill-Istati Membri) jew negattivi (ammonti li jridu jitħallsu lura lill-Istati Membri). Dawn l-aġġustamenti jistgħu jirriżultaw f'ammonti għolja ħafna. Għalhekk, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1377/2014, li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, li jippermetti li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istati Membri (b'effett retroattiv mit-30 ta' Novembru 2014) jagħmlu disponibbli l-aġġustamenti sal-ewwel jum tax-xogħol ta' Settembru tas-sena ta' wara. Fl-Opinjoni Nru 7/2014 tagħha l-Qorti nnutat li din il-modifika tista' żżid il-kumplessità tas-sistema tar-riżorsi proprji.

10. Skont din il-proposta, il-Kummissjoni se tikkalkula l-aġġustamenti tal-VAT u tal-ING[8] u se tinnotifika formalment l-ammonti finali lill-Istati Membri f'Jannar tas-sena n+1. Fl-istess ħin il-Kummissjoni se tipprovdi kalkolu għar-ridistribuzzjoni tal-ammont totali tal-aġġustamenti

---

[7] Kull sena l-Istati Membri jridu jipprovdu aġġornamenti tad-*data* tagħhom tal-VAT u l-ING għas-snin li jkunu għadhom suġġetti għal bidla (erba' snin) jew jindirizzaw il-punti li jkunu taħt riżerva. Il-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni biex tikkalkola mill-ġdid il-kontribuzzjonijiet tal-VAT u tal-ING mill-Istati Membri għas-snin preċedenti.

[8] Abbażi tad-*data* tal-VAT u l-ING għas-sena n-1 u snin preċedenti trażmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fis-sena n skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9) u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (Regolament GNI) (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1).

fost l-Istati Membri, skont is-sehem rispettiv tagħhom tal-ING tal-Istati Membri kollha tal-baġit tas-sena n+1.

11. Skont din il-proposta mhuwiex meħtieġ baġit emendatorju u l-Kummissjoni tnaqqas l-impatt fuq il-ħtiġijiet tal-Istati Membri fi flus kontanti rigward il-ħlas tal-ammonti relatati mal-aġġustamenti[9]. Hija tippermetti wkoll li jkun hemm aħtar żmien bejn id-data tan-notifika (qabel l-1 ta' Frar) u l-mument meta l-Istati Membri jkollhom jagħmlu disponibbli l-ammonti (l-1 ta' Ġunju), biex b'hekk titnaqqas l-inċertezza baġitarja u tal-likwidità fl-Istati Membri. Il-Qorti tqis li din il-proposta hija pass 'il quddiem fis-simplifikazzjoni tas-sistema tar-riżorsi proprji.

***Tiġi posposta l-preskrizzjoni tad-*data *tal-ING fir-raba' sena wara sena finanzjarja partikolari***

12. Skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, bidliet fid-*data* tal-ING jistgħu jitqiesu biss sat-30 ta' Settembru tar-raba' sena wara sena finanzjarja partikolari.

13. Il-Kummissjoni tipproponi li testendi din l-iskadenza sat-30 ta' Novembru tar-raba' sena wara sena finanzjarja partikolari.

14. Billi d-*data* tal-ING tiġi pprovduta mill-Istati Membri fit-22 ta' Settembru[10], il-Kummissjoni jista' ma jkollhiex biżżejjed żmien biex tivvalutaha qabel ma din issir preskritta. Għalhekk il-Qorti tilqa' l-estensjoni proposta.

***Bidliet fl-imgħax fuq l-ammonti li jkunu saru disponibbli tard***

15. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jipprevedi rata bażika (rata prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid tal-BĊE – jew ta' banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro), miżjuda b'2 punti perċentwali bl-addizzjoni ta' żieda varjabbli ta' 0,25 punti perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata hija applikabbli għall-perjodu kollu ta'

9 Ma jkun hemm l-ebda impatt fil-baġit u fil-kontijiet tal-Kummissjoni. L-Istati Membri jkunu jeħtieġu jħallsu (jew jirċievu) biss l-ammonti kkalkulati b'kont meħud tas-sehem rispettiv tal-ING.

10 Ara l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003.

dewmien (mid-data dovuta sad-data meta l-ammont jiġi finalment ikkreditat fil-kontijiet tal-Kummissjoni).

16. Il-proposta tal-Kummissjoni tgħolli ż-żieda minn 2 punti perċentwali għal 3,5 filwaqt li żżomm iż-żieda ta' kull xahar ta' 0,25 punti perċentwali. Minbarra dan, hija tipproponi li tillimita l-massimu tat-total taż-żidiet għal 20 punt perċentwali.

17. Il-Qorti tqis li għandu jinstab bilanċ bejn l-inċentiv għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi ta' pagament tagħhom u l-prinċipju tal-proporzjonalità fl-applikazzjoni tal-imgħax fuq l-ammonti li jkunu saru disponibbli tard. Għalhekk, il-Qorti tilqa' l-proposta li jkun hemm limitu fuq iż-żieda massima tar-rata tal-imgħax.

***L-Istati Membri jkunu jistgħu jinħelsu mir-responsabbiltà finanzjarja f'każijiet ta' dħul differit fil-kontijiet jew notifika differita tad-dejn doganali sabiex ma jiġux ippreġudikati l-investigazzjonijiet kriminali***

18. Skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 l-Istati Membri għandhom jinħelsu mill-obbligu li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu għal intitolamenti stabbiliti ta' riżorsi proprji tradizzjonali li jirriżultaw bħala irrekuperabbli minħabba (a) raġunijiet ta' *force majeure* jew (b) raġunijiet oħra li ma jistgħux jiġu attribwiti lilhom.

19. Il-Kummissjoni tipproponi li jiżdied paragrafu addizzjonali li jgħid li l-Istati Membri għandhom ukoll jinħelsu mill-obbligu li jpoġġu l-ammonti għad-dispożizzjoni tagħha f'sitwazzjonijiet fejn ikun meħtieġ li d-dħul fil-kontijiet jew in-notifika tad-dejn jiġu ddifferiti sabiex ma tiġix ippreġudikata investigazzjoni kriminali. Dan il-ħelsien mill-obbligu għandu jsir biss meta jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet[11].

---

[11] Il-kundizzjonijiet huma dawn li ġejjin:
(a) l-investigazzjonijiet kriminali jkunu ġustifikati sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
(b) l-investigazzjonijiet kriminali jsiru b'mod diliġenti;
(c) taxxi u dazji nazzjonali ma jkunux suġġetti għal trattament aktar favorevoli mill-intitolamenti irrekuperabbli.

20. Fil-fehma tal-Qorti din l-introduzzjoni hija konformi ma' referenza simili fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[12] u tista' tippermetti li l-Istati Membri jipproteġu aħjar l-interess finanzjarju tal-UE. Madankollu, ma hemm l-ebda armonizzazzjoni dwar id-definizzjoni ta' reat (u għalhekk ta' investigazzjoni kriminali) fl-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Qorti tqis li l-kundizzjonijiet proposti iħallu wisq lok għal interpretazzjoni.

***Żieda fil-livell limitu għall-ammonti irrekuperabbli li għandhom jiġu rrappurtati***

21. Skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport li jinkludi informazzjoni dwar il-każijiet li jitqiesu irrekuperabbli għal intitolamenti stabbiliti li jaqbżu l-EUR 50 000[13].

22. Il-Kummissjoni tipproponi li sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq is-servizzi tagħha u fil-livell tal-Istati Membri, il-livell limitu għandu jiġi rduppjat għal EUR 100 000.

23. Il-Qorti tilqa' din il-bidla u tinnota li l-livell limitu ilu ma jiġi rivedut mill-2004 'l hawn[14]. Il-Kummissjoni kkalkulat il-livell limitu l-ġdid ibbażat fuq *data* storika, bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż amministrattiv mingħajr ma jiġu pperikolati żżejjed l-ammonti involuti. Il-Qorti tinnota wkoll li l-Kummissjoni tkun għadha tista' tivvaluta każijiet matul l-ispezzjonijiet annwali fl-Istati Membri.

---

[12] Ara l-Artikolu 102(3) u l-Artikolu 105(6)tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p.1).

[13] Dan jirreferi għall-entrati fil-kotba li jitħassru mill-kontijiet tar-riżorsi proprji tradizzjonali bħala irrekuperabbli. Il-Kummissjoni tanalizza l-każijiet u tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 japplikawx biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jinħelsu mill-obbligu li jqiegħdu l-ammonti kkonċernati għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

[14] Ara l-Artikolu 1(13) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2028/2004 tas-16 ta' Novembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 352, 27.11.2004, p.1).

## KONKLUŻJONI

24. Il-bidliet proposti għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandhom itejbu s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-proċeduri li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni l-ammonti tar-riżorsi proprji.

Din l-opinjoni ġiet adottata mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-11 ta' Novembru 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*